# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 11**

**Rikors numru 209/20/1 LM**

**Avukat Dottor Anna Mallia; Maria Concetta sive Connie mart Alan Christopher Bonnici; Joseph Mallia; Philip Mallia**

**v.**

**Avukat tal-Istat**
**Doris Mifsud u b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2021, Rose Marie Scicluna ġiet maħtura bħala kuratriċi ad litem f'dawn il-proċeduri sabiex tirrappreżenta l-interessi ta' ommha Doris Mifsud**

**Il-Qorti:**

1. L-atturi huma l-proprjetarji ta' fond li jinsab Tas-Sliema, li akkwistaw mill-wirt ta' missierhom bħala l-eredi universali tiegħu. Min-naħa tiegħu missier l-atturi akkwista din il-proprjeta` fil-21 ta' Mejju, 1988. Dan il-fond kien ġie mikri lil żewġ il-konvenuta Doris Mifsud ċirka sittin sena ilu, u

llum-il ġurnata hija tħallas is-somma ta' €209.65 fis-sena wara li l-kera dovuta bdiet tawmenta b'effett mill-1 ta' Jannar, 2010, b'effett tal-Att X tal-2009. L-atturi jilmentaw li peress li dan il-fond mhuwiex fond dekontrollat huma qatt ma setgħu jikru dan il-fond fuq is-suq liberu peress li l-kera tiegħu hija rregolata mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u ma setgħat qatt tkun aktar mill-valur lokatizju tal-istess fond fl-4 ta' Awwissu, 1914. Jilmentaw ukoll li l-awmenti fil-kera b'effett tal-Att X tal-2009 huma tenwi għall-aħħar u li l-liġi ħolqot sproporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin, u dan aktar u aktar ikkonsidrat li iben il-konvenuta, imwieled fl-1969, u bintu, imwielda fl-1990, huma rreġistrati bħala residenti f'din il-proprjeta` u qed jippretendu li għandhom dritt jirtu din il-lokazzjoni wara l-mewt ta' Doris Mifsud.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "(I) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola it-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet vigenti qegħdin jagħtu dritt ta' lokazzjoni indefinita lill-intimata Doris Mifsud (K.I. 598824M) għall-fond 123, FL1, Triq Blanche Huber, Tas-Sliema, bl-arja tiegħu, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandu jingħata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni inkluż u b'mod partikolari l-iżgumbrament tal-Intimata Doris Mifsud (K.I. 598824M) mill-fond de quo.
>
> (II) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap 69 u tal-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma

tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni wkoll ai termini tal-Liġi;

(III) Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-liġi;

(IV) Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagmament.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni."

3. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* illi l-atturi għandhom iġibu l-aħjar prova rigward it-titolu li għandhom fuq il-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli għaliex dan mhuwiex każ ta' teħid forzuż, li l-Istat igawdi minn marġini ta' diskrezzjoni wiesgħa sabiex jikkontrolla jew jieħu proprjeta` fl-interess kollettiv, li l-ammont ta' kera mħallsa mill-inkwilina mhijiex sproporzjonta għaliex il-liġi saret fl-interess ġenerali leġittimu u għalhekk ma jistax isir paragun mal-valur lokatizzju ta' proprjeta` fuq is-suq ħieles, u li jekk il-Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur ta' drittijiet fondamentali, dikjarazzjoni ta' ksur tkun suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedju l-oħra mitluba mill-atturi.

4. Rosemarie Scicluna bħala kuratriċi *ad litem* tal-konvenuta Doris Mifsud eċċepiet, *inter alia,* li l-atturi qed jabbużaw mill-proċess kostituzzjonali *stante* li kellhom rimedji ġudizzjarji ordinarji sabiex iħarsu d-drittijiet pretiżi minnhom li huma naqsu milli jużaw, li hija m'għandhiex tkun ikkundannata għal ksur ta' drittijiet fondamentali għaliex ċittadin

privat ma jistax ikun misjub li kiser drittijiet ta' terzi, li hija dejjem assigurat li tottempera ruħha mal-liġi u dejjem ħallset il-kera regolarment, li l-atturi għandhom iġibu prova tat-titolu tagħhom, li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tordna l-iżgumbrament tal-inkwilin, li hija mara ta' 96 sena li tbati minn kundizzjoni medika serja u għalhekk jekk jiġu milqugħa t-talbiet attriċi hija ser tbati *hardship* serja u ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha, li Doris Mifsud ma tgħix fil-proprjeta` in kwistjoni waħedha iżda hemm persuni oħra residenti fl-istess proprjeta` bi drittijiet rispettivi ulterjuri, u li hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-12 ta' Novembru, 2021, ġie deċiz hekk:

> "Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
>
> 1) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tal-ħames eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha l-oħra tiegħu;
>
> 2) Tilqa' it-tieni, it-tielet, is-sitt, it-tmien u anki l-eċċezzjoni li ssegwi it-tmien eċċezzjoni, u anki l-aħħar eċċezzjoni tal-intimata Mifsud, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tagħha;
>
> 3) Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrenti billi tiddikjara u tiddeċiedi illi huma sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);
>
> 4) Tilqa' t-talbiet l-oħra tar-rikorrenti b'mod limitat kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u bħala rimedju għad-danni non-pekunjarji sofferti minnhom il-Qorti qiegħda tillikwida u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lilhom b'mod solidali kumpens mhux pekunjarju fissomma komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000), bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal parti minn ħamsa (1/5) mir-rikorrenti, u l-kumplament tal-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat."

6. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-15 ta' Novembru, 2021, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata safejn akkordat danni biss bħala kumpens non-pekunarju u tilqa' t-talbiet għal-likwidazzjoni tad-dannu pekunarju u non-pekunarju sofferti minnhom minn żmien il-ħajja ta' Salvatore Mallia għall-perjodu kollu, ossia mid-19 ta' Awwissu, 1987, sal-preżentata tar-rikors promotur, f'ammont ta' mhux anqas minn €63,527.60 u mhux aktar minn €120,500 jew somma oħra verjuri, oltre dannu non-pekunarju ammontanti mill-inqas għal €15,000, filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza.

7. L-Avukat tal-Istat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fis-26 ta' Novembru, 2021, permezz ta' liema ssottometta li dan l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

8. Doris Mifsud preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-30 ta' Diċembru, 2021, permezz ta' liema ssottomettiet li l-aggravju tal-appellanti jolqot biss lill-Avukat tal-Istat u li hi m'għandha l-ebda oġġezzjoni li l-atturi jirċievu kumpens pekunarju, basta illi l-pożizzjoni

tagħha u l-protezzjoni li tgawdi tibqa bla mittiefsa, kif ukoll li m'għandhiex tbati l-ispejjeż konnessi ma' dawn il-proċeduri.

**Ikkonsidrat;**

9. Dan l-appell huwa biss dwar il-kumpens pekunarju u non-pekunarju pretiż mill-atturi appellanti. L-atturi jilmentaw li minkejja li huma l-unika eredi ta' missierhom Salvatore Mallia *ai termini* tat-testment tad-19 ta' Diċembru, 2019, l-Ewwel Qorti llikwidat danni morali biss u ma akkordat l-ebda kumpens għall-perjodu bejn l-1987 sal-preżentata tar-rikors promotur. L-atturi jargumentaw li bħala eredi ta' Salvatore Mallia huma daħlu fiż-żarbun legali tiegħu kemm għal krediti u kif ukoll għad-debiti u għalhekk ma jistax ikun li filwaqt li jkunu responsabbli għad-debiti kollha ta' missierhom huma mhumiex intitolati li jirċievu kumpens pekunarju għall-leżjoni ta' drittijiet fondamentali sofferti tul il-ħajja tiegħu, partikolarment meta kienu kostretti jħallsu €15,000 bħala taxxa tas-suċċessjoni. Iżidu li huwa nġust li huma ma ngħatawx kumpens pekunarju meta l-liġi kienet tipprekludi lis-sidien ta' fondi mikrija għal skopijiet residenzjali milli qatt jitolbu kera ogħla minn dik li l-fond seta' jġib fl-4 ta' Awwissu 1914. Isostnu li għalhekk huma għandhom jirċievu l-kumpens pekunarju għal perjodu msemmi kollu, li jammonta għal €120,500, u li fi kwalunkwe każ l-ammont likwidat bħala kumpens pekunarju m'għandux ikun ta' anqas minn €63,527.60. Iżidu li l-kumpens

non-pekunarju akkordat mill-Ewwel Qorti għandu wkoll jiżdied, ikkonsidrat li l-Ewwel Qorti ma akkordatx kumpens pekunarju għaż-żmien relevanti kollu.

10. L-Avukat tal-Istat jirribatti li dan l-argument tal-atturi ma jreġix għaliex id-drittijiet fondamentali huma fihom infushom drittijiet personali u ma jistgħux jiġu trasferiti la *inter vivos* u lanqas *causa mortis.* Isostni li l-fatt li din il-kawża titratta dritt fondamentali ta' proprjeta` ma jfissirx li dan id-dritt huwa dritt *in rem*, għaliex dan id-dritt jibqa' dritt fondamentali personali li jappartjeni lill-persuna u mhux li jintrabat mal-fond u jintiret jew jiġi trasferit miegħu. Jgħid illi huwa biss f'każijiet eċċezzjonali fejn kawża dwar drittijiet fondamentali tista' tiġi intavolata mill-familjarji tal-mejjet fejn il-leżjoni hija marbuta mal-mewt tal-vittma tal-leżjoni stess. Iżid li lanqas ma nġabet prova ta' xi raġuni l-għaliex missier l-atturi ma ressaqx azzjoni kostituzzjonali huwa stess. Dwar il-kumpens non-pekunarju ta' mill-inqas €15,000 mitlub mill-appellanti jargumenta li jidher li din is-somma ġiet ibbażata mill-appellanti fuq l-ammont li huma kellhom iħallsu bħala taxxa tas-suċċessjoni u li għalhekk dan l-argument huwa infondat għaliex dan mhuwiex il-kunċett ta' dannu non-pekunarju.

11. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"23. Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmulin, il-jeddijiet tar-rikorrenti kif protetti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ġew leżi. Huwa għalhekk li l-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti, u dan filwaqt li tagħraf li fiċ-ċirkostanzi odjerni fejn iż-żmien huwa wieħed qasir bejn id-data meta l-fond ġie għand ir-rikorrenti fit-22 ta' Settembru, 2020, jiġifieri meta huma ffirmaw l-att ta' dikjarazzjoni causa mortis, u d-data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni fil-25 ta' Settembru, 2020, tesprimi li sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur kif qed jippretendi l-intimat Avukat tal-Istat ma tistax tkun rimedju suffiċjenti. Dan għaliex hemm prova ċara ta' danni ulterjuri sofferti mir-rikorrenti solidalment konsistenti fil-fatt li huma għamlu ħlas ta' €15,000 rappreżentanti taxxa dovuta fuq l-att ta' dikjarazzjoni causa mortis, meta qegħdin jirċievu biss €209.65ċ fis-sena bejniethom.

[...]

Kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti, il-Qorti kkonsidrat li hawn ftit li xejn jista' jkun determinant il-fattur tat-telf materjali sopportat minnhom minn dakinhar li sar l-att tad-dikjarazzjoni causa mortis sad-data tal-preżentata tal-kawża odjerna għaliex din tal-aħħar saret fi żmien 3 ijiem mid-data tal-att. Iżda xorta waħda jibqa' il-fatt li (a) l-ammont ta' kera li huma setgħu jirċievu li kieku l-fond kien mikri skont il-kirjiet riżultanti fis-suq miftuħ, huwa ferm akbar minn dak attwalment riċevut; (b) il-valur tiegħu huwa sostanzjalment imnaqqas minħabba ċ-ċirkostanzi kollha tiegħu kif dikjarat anki fl-att ta' dikjarazzjoni causa mortis; u (ċ) it-taxxa li tħallset fuq dan tal-aħħar għalkemm ukoll ridotta skont il-valur, xorta waħda ma tirriflettix il-kera li rrikorrenti fil-verita' jirċievu. Tgħid li dawn il-fatturi kollha jikkontribwixxu għall-iżbilanċ evidenti bejn l-interessi privati tar-rikorrenti u l-għan pubbliku li għalih ġew introdotti ċertu liġijiet, u għaldaqstant tikkonsidra li jirriżulta ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li għalih għandu jitħallas kumpens mill-intimat Avukat tal-Istat.

25. Kif diġà kellha l-opportunità li tteni din il-Qorti, id-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna. Għar-rigward tal-quantum tal-kumpens għal danni pekunjarji u nonpekunjarji, fis-sentenzi tal-Qrati tagħna, kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu. Fil-każ odjern għandu mill-ewwel jingħad li ma tirriżultax prova ta' danni pekunjarji min-naħa tar-rikorrenti u għalhekk it-talba tagħhom għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dawn id-danni ma tistax tintlaqa'.

26. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għadha kif għamlet aktar qabel, għandhom jiġu likwidati minflok id-danni morali jew nonpekunjarji, stante li l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hija konsegwenza tal-fatt li għal snin twal l-Istat Malti naqas milli jindirizza din il-kwistjoni kif kellu jagħmel, u jemenda l-qafas legali

li jirregola kirjiet protetti u dan minkejja titjib sostanzjali fil-qagħda soċjo-ekonomika tal-pajjiż, li wassal għal żbilanċ evidenti u piż inordinat fuq is-sidien ta' proprjetajiet bħal dawn.

27 Il-Qorti tqis li kumpens non-pekunjarju li jammonta għal elfejn Euro (€2,000), għandu jkun kumpens ġust u xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dawn id-danni għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat lir-rikorrenti solidalment bejniethom, stante li l-intimata Mifsud kif sewwa teċċepixxi, ma tistax tkun ħatja ta' xi leżjoni ta' xi dritt għat-tgawdija tal-proprjetà li jispetta lir-rikorrenti. Għaldaqstant għandhom jintlaqgħu t-tieni, it-tielet, is-sitt u l-aħħar eċċezzjoni tagħha."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

12. Jirriżulta li l-atturi akkwistaw il-proprjeta` in kwistjoni bħala eredi universali ta' missierhom u għaldaqstant huma daħlu fiż-żarbun legali ta' missierhom u komplew il-personalita` ġuridika tiegħu kemm f'dak li jirrigward l-obbligazzjonijiet tiegħu u kif ukoll id-drittijiet tiegħu. Huwa minnu li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, leżjonijiet ta' drittijiet fondamentali li huma ta' natura intrinsikament personali għall-mejjet ma jistgħux jifformaw il-bazi ta' lment ta' ksur mill-eredi tiegħu, sakemm l-allegazzjoni ma tkunx titratta l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, jew sakemm ma jkunx jirriżulta illi l-istess persuni huma vittmi indiretti tal-leżjoni allegata.[1] Pero`, kif rikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea stess, il-kunċett ta' "vittma" fil-ġurisprudenza ta' dik il-Qorti huwa wieħed awtonomu u indipendenti mill-kunċetti domestiċi li jirrigwardaw l-interess ġuridiku quddiem il-qrati domestiċi.[2] Inoltre, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti

[1] Ara per eżempju: **Karpylenko v. Ukraine** (QEDB, 11/02/2016).
[2] Ara per eżempju: **Micallef v. Malta** (QEDB, 15/10/2009).

Ewropea, il-Qorti tirrikonoxxi lill-eredi bħala vittmi meta jkollhom interess leġittimu li jressqu l-azzjoni a bażi tal-fatt li l-leżjoni allegata jkollha effett fuq id-drittijiet patrimonjali ta' dawk l-eredi. Il-Qorti tosserva illi l-leżjoni konstatata mill-Ewwel Qorti naqqset il-patrimonju ta' missier l-atturi, patrimonju li huwa issa proprjeta` tal-atturi u li huwa anqas milli seta' jkun b'effett dirett tal-leżjoni in kwistjoni.[3] Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huwa legalment possibbli għall-atturi, *qua* eredi universali ta' missierhom, illi jressqu lment ibbażat fuq l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jinkludi wkoll dak il-perjodu ta' żmien fejn is-sid tal-proprjeta` kien missierhom.

13. Illum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet issegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-atturi fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-atturi kien jirnexxilhom jżommu l-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollha għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-atturi, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi.

---

[3] **Micallef v. Malta** (QEDB, 15/10/2009); **Akbay and Others v. Germany** (QEDB, 15/10/2020).

14. F'dan il-każ jirriżulta li l-kera pagabbli lill-atturi fuq is-suq liberu skont ir-relazzjoni teknika minn Mejju 1988 (u ċioe` meta missier l-atturi akkwista l-proprjeta` mertu ta' dawn il-proċeduri) sa Settembru 2020 kienet tkun fl-ammont ta' ċirka €120,500. Minn dan l-ammont għandu mbagħad isir tnaqqis ta' 30% kif spejgat, li jwassal għall-ammont ta' ċirka €84,350, u mbagħad tnaqqis ta' 20% li jwassal għall-ammont ta' ċirka €67,480. Minn dan l-ammont għandha mbagħad titnaqqas il-kera mħallsa mill-inkwlin matul dan il-perjodu, li jirriżulta li kienet fl-ammont ta' ċirka €3,167. Għaldaqstant l-ammont ta' kumpens pekunarju xieraq għandu jkun fl-ammont ta' €64,313 (erbgħa u sittin elf u tlett mija u tlettax -il ewro).

15. Fir-rigward tal-kumpens non-pekunarju l-Qorti tqis li għalkemm il-leżjoni damet għaddejja għal aktar minn tletin sena, iżda fid-dawl tal-passivita` tal-awtur tal-appellanti tul ħajtu u l-fatt li l-atturi daħlu fiż-żarbun tal-awtur tagħhom fl-2019, il-kumpens non-pekunarju dovut lill-appellanti għandu jibqa' kif deċiż mill-ewwel Qorti ċioe` elfejn ewro (€2,000) li fiċ-ċirkostanzi hu wieħed ekwu u ġust.

16. Għaldaqstant il-kumpens dovut lill-appellanti huwa fl-ammont globali ta' sitta u sittin elf, tlett mija u tlettax-il ewro (€66,313), rappreżentanti in kwantu għal €64,313 (erbgħa u sittin elf u tlett mija u

tlettax-il ewro) bħala kumpens pekunarju u in kwantu għal elfejn ewro (€2,000) bħala kumpens non-pekunarju.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-atturi u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka l-kumpens akkordat mill-Ewwel Qorti u minflok tillikwida l-kumpens dovut lill-appellanti fis-somma ta' sitta u sittin elf, tlett mija u tlettax-il ewro (€66,313), rappreżentanti in kwantu għal €64,313 (erbgħa u sittin elf u tlett mija u tlettax-il ewro) bħala kumpens pekunarju u in kwantu għal elfejn ewro (€2,000) bħala kumpens non-pekunarju, u tordna lill-Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata lill-appellanti, filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjeż kollha ta' dan l-appell jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da